MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali – REĠJUN NOFSINHAR

**Laqgħa Numru 42 – 3 Kumitat**

**Il-Ħamis 03 ta' Diċembru, 2020**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar uża żewġ modi għal din il-laqgħa li saret fil-5.30 pm – fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 395, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, kif ukoll b'mod virtwali.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV:

| | |
|---|---|
| President tar-Reġjun | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Viċi Sindku Ħaż-Żebbuġ | Is-Sur Mark Camilleri |

PREŻENTI ONLAJN:

| | |
|---|---|
| Deputat President/Sindku Qrendi | Is-Sur David Michael Schembri |
| Sindku Żurrieq | Is-Sa Rita Grima |
| Sindku Ħal Kirkop | Is-Sur Terence Agius |
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |
| Kunsillier Imqabba | Is-Sur Henry Zaffarese |

| | |
|---|---|
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |
| Sindku Ħal Safi | Is-Sur Johan Mula |
| Viċi Sindku Siġġiewi | Is-Sa Rodianne Haber |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Joseph Farrugia |

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President  is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 42.1 Qari tal-Ittri ta’ Apoloġiji;

42.1.1 Il-President informa li s-Sindku ta’ Birżebbuġa ma setax ikun preżenti u talab li jiġi skużat.

42.1.2 Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

42.2.1 Il-President ressaq il-minuti tal-wieħed u erbgħin (41) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li ġew iċċirkolati  minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

42.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Mark Camilleri u ssekondata minn Dr Marija Sara Vella, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-minuti msemmija.

## 42.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Telfa ta’ wieħed mill-Membri tal-Kunsill Reġjonali**

42.3.1 Il-President esprima s-sogħba tiegħu għat-telfa tas-Sur Renald Falzon, li ħasdet lil kulħadd. Żied jgħid li l-Membri tal-Kunsill Reġjonali ħadu ħsieb jagħtuh tislima xierqa. Minkejja dan, il-ħajja trid tkompli u l-ħidma tal-Kunsill ma tistax tieqaf. Issa Ħal Qormi għandu Sindku ġdid – Is-Sur Josef Masini Vento – li hu wkoll Membru ġdid fil-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar. Ir-Reġjun ħa ħsieb li jibgħatlu ittra ta' merħba.

**-Kuntratt għar-Restawr tal-faċċata**

42.3.2 Il-President ħabbar li hemm kollox lest biex jibda x-xogħol fuq ir-restawr tal-faċċata tal-bini amministrattiv. Il-kuntrattur wiegħed li x-xogħol għandu jibda fl-ewwel jiem ta' Jannar 2021 u għandu jieħu madwar 18-il ġimgħa biex jitlesta. Bħalissa għaddejjin b'kuntatti mal-perit fuq xogħol ta' manutenzjoni u tkabbir tal-uffiċċini.

**-Kuntratt għall-manutenzjoni tad-dwal fit-toroq**

42.3.3 Il-President ħabbar li l-joint venture li se tkun qed tieħu ħsieb il-manutenzjoni tad-dwal fit-toroq ġiet ippreżentata bl-ittra uffiċjali li rebħet is-sejħa u qiegħda fil-proċess li tipprovdi l-garanzija bankarja. Il-kuntratt jiġi ffirmat u eżattament wara. Ix-xogħlijiet taħt il-kuntratt il-ġdid għandhom jibdew mal-iffirmar tal-kuntratt li qed nittamaw li jkun fi ftit jiem oħra.

**- Tribunal Lokali**

42.3.4 Il-President informa li matul il-jiem li għaddew intbagħtet ittra uffiċjali lill-Ministeri konċernati mit-Tribunal Lokali sabiex jittieħed il-pass li t-Tribunal Lokali tar-Reġjun tan-Nofsinhar jiġi trasferit għal post ieħor biex jinqata' mill-bini amministrattiv tal-Kunsill Reġjonali. It-Tribunal Lokali tan-Nofsinhar hu l-uniku wieħed li jopera mill-bini amministrattiv tal-Kunsill Reġjonali u dan qed ixekklu milli jaqdi l-funzjonijiet tiegħu. Fil-futur qarib se tkun qed issir qabża fil-kwalità tal-assistenza professjonali mill-Kunsill Reġjonali lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu bis-servizz ta' konsulenzi minn numru ta' esperti f'diversi oqsma. Għal dan il-għan se jkollna bżonn niffukaw fuq il-veru funzjonijiet tal-Kunsill Reġjonali u se jkollna bżonn aktar spazju għal-laqgħat u sabiex nakkomodaw aktar impjegati persuni li jiġu biex jinqdew mis-servizzi li se nkunu qed noffru. Il-President ħabbar ukoll li f'dawn l-aħħar ġranet inħarġu struzzjonijiet u saru tibdiliet fl-andament tas-seduti biex ikun kontrollat in-numru ta' persuni li jkun hemm ġewwa u jitnaqqsu l-persuni li jidħlu bla bżonn.

**- Kwarta Tajba**

42.3.5 Il-President qal li matul il-jiem li għaddew, dawk it-tmien Kunsilli Lokali li wrew interess sabiex jospitaw dan l-avveniment fil-lokalità tagħhom is-sena li ġejja ġew avviċinati mill-esperti mqabbda mir-Reġjun biex jissottomettu preżentazzjoni fuq il-lokalità u l-ispazji miftuħa li fihom se jkunu qed isiru l-attivitajiet. Dawk li bagħtu l-preżentazzjoni saritilhom ukoll laqgħa fuq il-post biex jiġu diskussi xi punti oħra bħal aċċessibilità u mmaniġġjar tat-traffiku. Fil-jiem li ġejjin dawn l-esperti se jkunu qed iressqu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom lill-President u s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun.

42.3.6 **- Art for All 2021**

Il-President ħabbar li matul il-jiem li għaddew intbagħtet korrispondenza lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun sabiex jagħżlu student jew studenta ta' bejn 11 u 15-il sena mil-lokalità tagħhom għal dan il-proġett. Dan il-proġett se jkun qed jinkludi programm ta' tagħlim fl-arti u żvilupp personali, għajnuna fil-komunikazzjoni u aspetti oħra li jgħinu fit-tkabbir ħolistiku tal-persuna. Ir-Reġjun tan-Nofsinhar ingħaqad ma' WOT Art u numru ta' professjonisti f'dan il-qasam biex joffri dan il-programm bla ħlas għal student jew studenta minn kull lokalità fir-Reġjun. Dan il-programm hu indirizzat għal studenti li ġejjin minn familji b'diffikultajiet finanzjarji, soċjali jew emozzjonali. Il-President ħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali sabiex jibagħtu n-nominazzjonijiet tagħhom ħalli jkunu jistgħu jibdew il-preparamenti għall-bidu ta' dan il-programm f'Jannar li ġej.

## 42.4 Skeda ta' Pagamenti;

42.4.1 Il-President ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 11/20A-1 u 11/20B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

42.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur David Michael Schembri u ssekondata mis-Sur Henry Zaffarese, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskedi ta' pagamenti msemmija

## 42.5 Ftehim mad-DLG dwar Trasferiment ta' Fondi lill-Kunsilli Lokali;

42.5.1 Il-President ħabbar li wara laqgħat li saru mad-DLG ġie maqbul li fondi li kienu approvati lill-Kunsilli Lokali għal skemi maħruġa mid-DLG jiġu trasferiti lill-Kunsill Reġjonali. Dawn huma fondi relatati ma' Grant Schemes fejn il-Kunsilli Lokali japplikaw u jiġu allokati fondi biex jimplimentaw proġetti jew inizjattivi. L-evalwazzjoni ta' dawn il-proġetti se tibqa' ssir mid-Dipartiment tal-Istrateġija u l-Implimentazzjoni ta' Policy u huma jagħtu struzzjonijiet lill-Kunsill Reġjonali biex jitrasferixxi l-fondi lill-Kunsill Lokali wara li jiġu milħuqa r-rekwiżiti u jiġu vverifikati d-dokumenti mitluba. Għal dan il-għan il-Kunsill Reġjonali fetaħ kont bankarju apposta u fih se jiġu depożitati xejn anqas minn 679,173 ewro li huma kollha proġetti u inizjattivi li l-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun applikaw għalihom mad-Dipartiment.

## 42.6 Tħejjija għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031;

42.6.1 Il-President ressaq quddiem il-Membri preżenti ċirkulari mibgħuta mid-Direttur Ġenerali tal-Ministeru responsabbli mill-Gvern Lokali dwar it-tnedija tal-proċess għas-sejħa ta' interess għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031. Il-proċess se jkun qed jitmexxa mill-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta. Din l-Aġenzija qed tistieden proposti ta' lokalitajiet permezz tal-Kunsilli Reġjonali biex jiġu kunsidrati li jitressqu lill-Kummissjoni Ewropea. Il-Kunsill Reġjonali jista' jressaq il-proposta tiegħu sa Marzu 2021. Il-President qal li t-tlett ibliet fir-Reġjun tan-Nofsinhar skont il-kompożizzjoni preżenti huma Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ u s-Siġġiewi. Billi l-akbar Belt fir-Reġjun hi Ħal Qormi, hu jipproponi li jibdew diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi biex issir proposta mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar sabiex tiġi kunsidrata din il-lokalità. Jekk ma jintweriex interess mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi, imbagħad ir-Reġjun isejjaħ diskussjonijiet ma' Ħaż-Żebbuġ peress li hi tiġi l-akbar belt fir-reġjun wara Ħal Qormi. Sussegwentement tiġi l-belt tas-Siġġiewi.

42.6.2 Il-Membri preżenti qablu mal-proposta tal-President u li jibdew diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi sabiex issir proposta mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar għal din il-lokalità.

## 42.7 Affarijiet oħra;

**- Nominazzjoni ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv għall-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar**

42.7.1 Il-President ħabbar li l-ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun skadiet minħabba li kull ħatra ta' din il-kariga tibqa' effettiva għal disgħin ġurnata. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun kienet is-Sa Dulcie Gauci li hi waħda mill-membri tal-istaff amministrattiv tar-Reġjun. Il-President ippropona li terġa' tiġi nnominata s-Sa Dulcie Gauci bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar.

42.7.2 Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-proposta tal-President u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex jitlob l-aċċettazzjoni tas-Sa Dulcie Gauci u jinforma lid-Direttur biex japprova n-nomina u jawtorizza l-ħatra.

**- Kuntratt għal servizzi ta' accounting u bookkeeping**

42.7.3 Il-President informa li l-kuntratt li kellu fis-seħħ il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar għal servizzi ta' accounting u bookkeeping issa skada u hemm bżonn li jinbeda proċess ġdid għall-provvediment ta' dan is-servizz lir-Reġjun li hu fundamentali fil-ħidma amministrattiva tal-Kunsill Reġjonali.

42.7.4 Il-Membri preżenti ddiskutew dan is-suġġett u qablu mal-President li jinbeda proċess mill-ġdid ħalli l-Kunsill Reġjonali jkun provdut b'dan is-servizz. Huma talbu lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jitlob kwotazzjonijiet minn numru ta' accounting service providers ħalli jiġu diskussi.

**-Bdil fl-awdituri tal-Kunsill Reġjonali**

42.7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fil-jiem li għaddew ġie mgħarraf li se ssir bidla fl-awdituri li se jkunu qed jassessjaw ix-xogħol amministrattiv u finanzjarju ta' din is-sena. L-awdituri l-ġodda se jkunu Grant Thornton li diġà għamlu kuntatt mal-uffiċċju amministrattiv u ġew mibgħuta lilhom ir-rapporti finanzjarji u dokumenti oħra tas-sena preċedenti sabiex ikunu jistgħu jibdew il-preparamenti fuq il-fajls tal-awditjar għal din is-sena.

**-Skema ta’ Għajnuna għal tiżjin u kompetizzjonijiet tal-Milied**

42.7.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq proposti għal tiżjin u kompetizzjonijiet tal-Milied mill-Kunsilli Lokali tal-Qrendi, ta’ Ħal Safi, ta’ Santa Luċija, ta’ Ħal-Kirkop, ta’ Ħal Luqa, ta’ Ħal Għaxaq u tal-Gudja.

42.7.7 Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-proposti mressqa.

**-Salarji tal-istaff għal Diċembru**

42.7.8 Is-Segretarju Eżekuttiv talab approvazzjoni mill-Membri preżenti biex għal dan ix-xahar biss ikun jista’ joħroġ is-salarji fil-ġimgħa tal-Milied minflok fl-aħħar ġimgħa tax-xahar.

42.7.9 Il-Membri preżenti unanimament approvaw it-talba.

## 42.8 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

42.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.09 pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 07 ta’ Jannar 2021 fil-5.30 pm.

42.8.2 Fi tmiem il-laqgħa l-President semma’ kif din is-sena kienet ferm differenti minn snin oħra. Il-Membri iddeċidew li mhux se jkunu qed jiltaqgħu fiż-żminijiet tal-Milied. Kif ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti, se tkun qed tingħata donazzjoni lill-Malta Community Chest Fund bħala ġest mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar. Fil-jiem li ġejjin se jkun qed jintbagħat apprezzament żgħir lis-Sindki. Il-President spiċċa billi ta l-awgurju tiegħu lil dawk preżenti peress li din kellha tkun l-aħħar laqgħa għas-sena 2020 li fiha kellhom jiltaqgħu l-Membri flimkien.

Konfermati llum _____________________.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Philip Carabott |
| President | Segretarju Eżekuttiv |